MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Numru. 406/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**
**VS**
**JOSEPH FENECH**
**NORBERT FALZON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Fenech ta’ 56 sena, bin Gregory u Beatrice nee’ Frendo, mwieled Birkirkara fit- 2 ta’ Novembru 1954, residenti Morning Mist Cour Flat 5, Triq Massimo Kolbe, Qawra u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 823954M;

U

Norbert Falzon ta’ 29 sena, bin Spiridione u Antoinette nee’ Refalo, mwieled Pieta’ fid- 29 ta’ Marzu 1981, residenti 17, Triq l- Emigranti, Naxxar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- nu,ru 183481M;

Talli nhar l- 14 ta’ Ottubru 2010 ghal habta tal- 11.00am waqt li kienu qieghdin fi Triq tal- Labour, Naxxar jew fil- vicinanzi;
1) volontarjament hasru jew gharqu hwejjeg haddiehor ghad- dannu ta’ Paul Spiteri, liema hsara teccedi aktar minn €116.47 izda li ma tabizx €1,164.69;
2) aktar talli kkagunaw griehi ta’ natura hafifa lil Paul Spiteri, hekk kif kien icceritifkat minn Dr. Ian Psaila MD mill- isptar Mater Dei;
3) u lil Joseph Fenech wahdu talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Kodici Kriminali, billi kien gie misjub hati b’ sentenzi tal- Qorti ta’ Malta li saru definittivi u ghaldaqstant ma jisghux jigu mibdula.

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Mil-provi prodotti rrisulta li l-parti leza, Paul Spiteri, kien mar fejn l-imputat Norbert Falzon biex isewwi stereo tal-karozza, qam argument bejniethom, u Spiteri sofra xi griehi. Ix-xiehda ta’ Spiteri xejn ma kienet kredibbli, l-aktar meta gie kkonfermat li r-ricevuta tal-hsara allegatament sofferta fil-vettura tieghu kienet skorretta ghall-ahhar. Jirrisulta biss li Falzon kien ta daqqiet lil Spiteri, wara li dan tal-ahhar kien offendih. L-involviment ta’ Fenech hi ghal kollox nieqsa minn din il-kawza. Ghalhekk, il-Qorti sejra tillibera lil Fenech minn kull imputazzjoni u htija, u ser issib lil Falzon hati biss tal-offizi hfief, liema offizi gew ikkawzati b’element ta’ provokazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325, 221, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat Joseph Fenech hati u ghaldaqstant tilliberah.

Issib lill- imputat Norbert Falzon hati tat-ieni imputazzjoni, u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien gimgha ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Ma ssibux hati tal-ewwel imputazzjoni u ghalhekk tilliberah minnha.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------